TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 245/12-F

**Christopher Cachia**
**vs**
**Silvio Bartolo għan-nom ta' Light Projects Ltd.**

Illum 21 ta' Mejju, 2013

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fil-25 ta' Settembru, 2012 fejn ir-rikorrenti talab rifużjoni ta' elfejn, mija u disgħa w tletin ewro, u ħamsa w erbgħin ċenteżmi (€2,139.45), rappreżentanti bilanċ dovut mis-somma li ħallas għal-*light fittings* li ma ġewx ikkonsenjati lilu.

L-intimat ma ppreżentax risposta bil-miktub għal din it-talba, u lanqas attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub u kkonferma bil-ġurament illi huwa kien ordna b'ammont ta' tmint elef u ħames mitt ewro (€8,500), *light fittings* għal *penthouse* tiegħu, liema *light fittings* ma kinux ġew ikkonsenjati lilu la fil-ħin u lanqas waslu kollha. Illi skond l-istess rikorrenti, l-intimat aċċetta li jirrifondi lura l-flus u kien għad baqa' bilanċ ta' elfejn, mija u disgħa w tletin ewro, u ħamsa w erbgħin ċenteżmi (€2,139.45), illi r-rikorrenti għadu ma ngħatax.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota illi l-intimat, debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ, u msejjaħ tliet darbiet, baqa' ma deherx għas-seduta.

It-Tribunbal, jinnota wkoll illi r-rikorrenti talab illi n-notifika tal-Avviż issir bl-Affissjoni u fuq Gazzetta Lokali u Gazzetta tal-Gvern, iżda l-intimat baqa' ma deherx għas-seduta.

Kif ukoll it-Tribunal jinnota li sal-ħin tas-seduta, l-intimat kien għadu ma bagħatx risposta bil-miktub.

It-Tribunal, wara li sema' lir-rikorrenti, jikkonsidra li l-verżjoni tar-rikorrenti hija kredibbli u aċċettabbli.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas lir-rikorrenti s-somma ta' elfejn, mija u disgħa w tletin ewro, u ħamsa w erbgħin ċenteżmi (€2,139.45), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata.

It-Tribunal, qed jilqa' wkoll it-talba tad-danni morali kontra l-istess soċjeta' ntimata, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas lir-rikorrenti s-somma ta' mija u ħamsin ewro (€150) bħala danni morali.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**